

# Katechein

Issue: 6/20

## Alla għadu magħna

Qegħdin fil-bidu ta' Sena Litruġika ġdida li matulha se nkunu mistiedna biex mill-ġdid nerġgħu ngħixu l-misteru tas-salvazzjoni. Imma f'dan il-mument partikulari ma jistax ma jiġix f'moħħna l-kliem 'Immanu-el – Alla magħna'. Dan hu dak li qegħdin nippreparaw għalih matul iż-żmien tal-Avvent. Dan hu dak li se nkunu qed niċċelebraw fil-festi tal-Milied. Bħal kull ħaġa oħra din is-sena se nkunu qed niċċelebraw Milied b'differenza minħabba r-realtà tal-pandemija li qegħdin ngħixu bħalissa, u li ma tħalliniex bħas-soltu li nagħmlu l-manifestazzjonijiet tas-soltu li bihom nuru kif Alla xtaq u ried li jibqa' magħna. Faċli li meta naraw dak li aħna għaddejjin minnu li nistaqsu lilna nfusna jekk Alla għadux tassew magħna jew le. Imma aħna nafu li Alla għadu magħna, imma xi kultant iħobb joqgħod jilgħad noli magħna!

Il-bażi li fuqha hija mibnija l-festa tal-Milied huwa l-fatt li Alla ried li jibqa' magħna għax iħobbna. Alla ried li jibqa' magħna biex jurina li ma kienx tilef il-fiduċja u l-imħabba li kellu lejn il-bniedem bħala l-akbar ħolqien tiegħu. Iva, għal Alla aħna prezzjużi, nagħmlu x'nagħmlu u nġibu ruħna kif inġibu ruħna. Alla ma joqgħodx iħares lejn id-dgħjufija tagħna, u kemm aħna faċilment u għax irridu nitbegħdu minnu meta nagħmlu ta' rasna. Alla huwa ferm aktar pożittiv minn hekk, u jħares aktar lejn il-potenzjal tagħna, jiġifieri lejn dak li aħna kapaċi naslu għalih – dejjem bil-għajnuna tal-grazzja tiegħu.

Din il-fiduċja ta' Alla fina l-bnedmin, għalkemm midinbin ma tista' titħassar mill-ebda pandemija, azzjoni naturali jew attività tal-bniedem. Qegħda hemm biex lilna tagħmlilna kuraġġ ħalli aħna ukoll nirreċiprokaw fil-limitazzjonijiet tagħna l-bnedmin din l-imħabba lejn Alla li skomoda ruħu biex jakkomoda lilna. Ejjew inkunu tassew grati għal dak li Alla għamel magħna u għalina, b'mod speċjali f'dan il-perjodu li fih nistgħu naħsbu aktar fuq l-imħabba ta' Alla għalina l-bnedmin, aħna u niċċelebraw lil Alla magħna fil-Milied.

**Rev. Dr Carl-Mario Sultana**
**Delegat għall-Katekeżi**

*carlmario.sultana@maltadiocese.org*
*7960 3872*